III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 153/2014

tad-9 ta' Lulju 2014

li temenda l-Anness X (Servizzi inġenerali) tal-Ftehim ŻEE [2015/88]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/52/UE tal-20 ta' Diċembru 2012, li tistabbilixxi miżuri li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent ta' preskrizzjonijiet mediċi maħruġa fi Stat Membru ieħor, [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(3) Għalhekk, l-Anness X ta' mal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiżdied ma' punt 1c (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/130/UE) tal-Anness X għall-Ftehim ŻEE:

"2. **32011 L 0024**: Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Bla ħsara għall-iżviluppi futuri mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, għandu jiġi nnutat li l-atti li ġejjin mhumiex inkorporati fil-Ftehim ŻEE:

(a) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003 tal-14 ta' Mejju 2003 li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom,

(b) Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba ċittadinanza tagħhom.

Għaldaqstant kull referenza għal dawn l-atti m'għandhiex tapplika għall-Istati tal-EFTA.

[1] ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45.
[2] ĠU L 356, 22.12.2012, p. 68.

2a. **32012 L 0052**: Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/52/UE tal-20 ta' Diċembru 2012 li tistabbilixxi miżuri li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent ta' preskrizzjonijiet mediċi maħruġa fi Stat Membru ieħor (ĠU L 356, 22.12.2012, p. 68)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2012/52/UE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għal *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-10 ta' Lulju 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Kurt JÄGER

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.